MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tat-28 ta' Gunju, 2006

Rikors Numru. 319/2006

Nazzareno sive Leslie Cardona
vs
Massimo u Maria Sonia konjugi Zahra

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**

Rat ir-rikors ta' Maria Sonia Zahra li bieh esponiet:

Illi Nazzareno sive Leslie Cardona kien talab u ottjena l-hrug ta' Mandat ta' Inibizzjoni succitat kontra l-intimata sabiex tkun mizmuma milli tbiegh, tnehhi, tittrasferixxi jew tiddisponi mid-dar matrimonjali taghha, kif deskritt fil-mandat innifsu.

Illi r-rikorrent kien ottjena l-hrug tal-mandat billi kien allega li l-intimata kienet debitrici, flimkien mar-ragel taghha Massimo Zahra, favur tieghu fl-ammont ta' ghaxart elef, tliet mija, u disa u tletin lira Maltin (Lm10,339.00)

rapprezentanti rimanenti bilanc minn somma mislufa mir-rikorrent, li s-somma ma kenitx maghrufa mill-intimat, bhala *self brevi manu,* lill-intimat.

Illi Maria Sonia Zahra qatt ma kienet selfet ammont ta' flus mir-rikorrent ghalhekk hi ma kenitx debitrici ghal dak l-ammont kif indikat minnu. Kif ukoll, Maria Sonia Zahra qatt ma kienet tat il-kunsens taghha sabiex zewgha Massimo Zahra jislef dak l-ammont ta' flus mir-rikorrent.

Illi Maria Sonia Zahra kienet giet fil-pusses ta' zewg skritturi privati (Dok A u B, datati 30 ta' Marzu 2005 u 15 ta' Novembru 2005 rispettivament) li kienu juru self brevi manu li kien ghamel ir-rikorrent lil Massimo Zahra. Illi f'dawn id-dokumenti ma kienx hemm indikazzjoni tal-kunsens tal-rikorrenti.

Illi ghalkemm f'Dok B kien hemm referenza ghal Maria Sonia Zahra, hi qatt ma kienet tat il-kunsens taghha sabiex zewgha jislef xi flus favur taghha.

Illi ghalhekk jekk dan il-kunsens kien nieqes kull ftehim dwar xi self li kien sar bejn Massimo Zahra u r-rikorrent kien imur kontra d-dispozizzjonijiet ta' l-Artikolu 1326 ta' Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi r-rikorrent Leslie Cardona dejjem kien konxju tal-fatt li Maria Sonia Zahra qatt ma kienet tat il-kunsens taghha sabiex is-self brevi manu jsehh.

Illi skond kuntratt tas-separazzjoni ta' beni, li xolja l-komunjoni ta' l-akkwisti fiz-zwieg bejn Massimo u Maria Sonia Konjugi Zahra, datat 13 ta' Jannar 2006 (Dok C), il-proprjeta` indikata fil-Mandat ta' Inibizzjoni kienet giet trasferita lil Maria Sonia Zahra u ghalhekk Massimo Zahra ma kellu l-ebda jedd fuq dik il-proprjeta` kif ukoll kull kreditur minghand min kien silef xi flus minghajr il-kunsens ta' martu qabel ma gie xolt il-komunjoni ta' l-akkwisti.

Illi kien fatt ben maghruf li Massimo Zahra kien jislef hafna flus minn fuq l-idejn u kien biss dan l-ahhar li martu Maria Sonia Zahra kienet sokpriet b'dan kollu. Ghalhekk sabiex

tissalvagwardja l-interessi tal-familja taghha, kienet iddeciediet li taghmel separazzjoni ta’ beni.

Illi wiehed mill-elementi essenzjali sabiex mandat kawtelatorju jinzamm in vigore huwa li ***prima facie*** r-rikorrent ghandu dawk il-jeddijiet li ddikjara li ghandu kontra l-intimata. Illi fil-kaz odjern dan l-element ma kienx jezisti ghaliex ir-rikorrent ma kellu l-ebda jedd kontra Maria Sonia Zahra u dan ghaliex hi qatt ma kienet tat il-kunsens taghha sabiex zewgha jislef dak l-ammont.

Illi apparti minn hekk ir-rikorrent dejjem kien jaf li Maria Sonia Zahra qatt ma kienet tat il-kunsens taghha ghas-self ta’ dan l-ammont ta’ flus u hu qatt ma kien assigura li jottjeni dan il-kunsens qabel ma sellef dan l-ammont lil Massimo Zahra.

Ghaldaqstant in vista tar-ragunijiet hawn fuq spjegati Maria Sonia Zahra talbet lill-Qorti sabiex:

1. Tittrata dan ir-rikors b’urgenza tenendo kont ic-cirkustanzi kollha hawn fuq spjegati;

2. Tirrevoka l-Mandat ta’ Inibizzjoni 402/06 ai termini ta’ l-Artilkolu 836 (1) tal-Kapitlu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta;

3. Tikkundana lill-intimat ihallas lir-rikorrenti dik is-somma ta’ mhux anqas min hames mitt liri Maltin u mhux aktar minn tlett elef liri Maltin bhala penali u dana ai termini ta’ l-Artiklu 836(8)(b) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

4. Fin-nuqqas li tilqa’ t-tieni u/jew it-tielet talba, tikkundanna lill-intimat sabiex a tenur tal-Arlikolu 838A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta jiddepozitaw fi zmien qasir u perentorju stabbilit minn din il-Qorti garanzija xierqa u opportuna biex taghmel tajjeb ghall-hlas ta’ penali li tista’ tigi imposta u ghad-danni u imghax, u fin-nuqqas, thassar l-effetti tal-Mandat ta’ Inibizzjoni 402/ 06.

Bl-ispejjez kontra l-intimat u b'riserva ghal kull azzjoni ohra spettanti lir-rikorrenti skond il-Ligi.

**B. RISPOSTA:**

Rat ir-risposta ta' Nazzareno sive Leslie Cardona li biha espona:

Illi l-intimat kien oppona kategorikament u bil-qawwa kollha t-talbiet dedotti fir-rikors intavolat minn Maria Sonia Zahra, u dan kif kien ser jigi spjegat dettaljatament aktar 'l isfel;

Illi kienet l-istess Maria Sonia Zahra, li kienet irrikonoxxiet id-debitu dovut lill-intimat Nazzareno sive Leslie Cardona, u dan stante li ripetutament, qabel id-data ta' l-iskrittura esebita minn Maria Sonia Zahra, u cioe` 15 ta' Novembru 2005, l-intimat u l-istess Maria Sonia Zahra kellhom diskussjonijiet rigward il-modalitajiet tal-hlas sabiex tigi mhallsa s-somma dovuta lill-intimat;

Illi r-rikorrenti fir-rikors taghha kienet naqset li ggib a konjizzjoni tal-Qorti li hija kienet ben konsapevoli tad-debitu dovut minnhom lill-intimat, sa mill-anqas minn Novembru 2005, u dan stante li hija kienet giet debitament notifikata permezz ta' ittra gudizzjarja datata 21 ta' Novembru 2005, liema att gudizzjarju kien interpella lil Maria Sonia Zahra u lil zewgha ghal hlas ta' l-imsmemija somma;

Illi kif ikkonfermat minn kuntratt ta' separazzjoni tal-beni anness mar-rikors promotur ta' Maria Sonia Zahra, dan il-kuntratt kien datata 13 ta' Jannar 2006, u dan oltre xaharejn minn meta hija kienet giet notifikata permezz ta' l-ittra gudizzjarja datata 21 ta' Novembru 2005, ghall-hlas tal-imsemmija somma;

Illi l-fatt li f'Jannar 2006, Maria Sonia Zahra u zewgha Massimo Zahra kienu ffirmaw kuntratt ta' separazzjoni tal-beni, ma kienx jezonera lilha bl-ebda mod li tonora l-obbligi pendenti ma' terzi (liema obbligi kienet ben konsapevoli taghhom permezz ta' l-ittra ufficjali datata 21 ta' Novembru 2005), partikolarment minhabba l-fatt li l-

komunjoni ta’ l-akkwisti bejnha u bejn zewgha f’dak iz-zmien ma kenitx xolta;

Illi l-intimat kien irrileva li l-artikolu 1326 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta ma kienx applikabbli ghall-kaz odjern, stante li ***dato ma non concesso*** li Maria Sonia Zahra ma kenitx tat kunsens ghas-self brevi manu, l-istess artikolu kkwotat minn Maria Sonia Zahra, kien jaghtiha r-rimedji legali li hija kellha tiehu, liema rimedji hija ma kenitx hadet, senjatament is-subinciz (3) ta’ l-artikolu 1326, li jistipula:

**(3) Minkejja d-dispozizzjonijiet tas-subartikolu (2) ta’ dan l-artikolu, il-jedd moghti bis-subartikolu (1) ta’ dan l-artikolu lil parti li titlob annullament ta’ att jispicca malli jaghlqu tliet xhur mill-jum li fih ikun notifikat l-att lil dik il-parti bil-mezz ta’ att gudizzjarju, kemm-il darba dik il-parti ma tkunx bdiet azzjoni ghal dak l-annullament.”**

Dan kien qieghed jigi rilevat stante li l-istess Maria Sonia Zahra kienet baqghet inadempjenti wara li kienet giet notifikata permezz ta’ l-ittra gudizzjarja datata 21 ta’ Novembru 2005;

Illi l-att ta’ self ta’ flus li kien sar mill-intimat favur il-konjugi Zahra kien att ta’ amministrazzjoni straordinarja, u kien sar bl-gharfien tacitu ta’ Maria Sonia Zahra, liema gharfien kien jirrendi l-att legalment validu u accettat mill-istess Maria Sonia Zahra;

Illi kif rilevat minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza **George Cauchi vs Arnold Farrugia et** deciza in parte fit-12 ta’ Mejju 2005 (92/2002JRM):
“… fejn bejn il-persuni mizzewgin hija vigenti l-komunjoni ta’ l-akkwisti, dwar it-tmexxija tal-gid materjali taghhom, il-Ligi trid li t-tnejn li huma jkollhom setghat ta’ tmexxija ndaqs u li t-tnejn li huma joqghodu ghal dak li hemm provdut fil-Ligi.”

Illi ai termini ta’ l-Artikolu 1322(2) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta, ghemejjel meqjusa bhala dawk ta’ tmexxija

straordinarja, u l-jedd li wiehed iharrek jew li jigi mharrek, dwar tali ghemejjel tmiss liz-zewg mizzewgin flimkien, u certament Maria Sonia Zahra ma kenitx tista` titolb li tigi ezonerata minn obbligi gravanti l-komunjoni ta' l-akkwisti li kienet vigenti bejnha u bejn zewgha, meta kien sar l-imsemmi self. Partikolarment, l-istess Maria Sonia Zahra ma kienet tista` bl-ebda mod tinvoka l-fatt li kien iffirmat kuntratt ta' separazzjoni tal-beni fit-13 ta' Jannar 2006, meta hija kienet ben konsapevoli tad-debitu dovut lill-intimat, sa minn diversi xhur qabel;

Illi di piu`, u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-Artikolu 836, u l-Artikolu 838A, tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, citati minn Maria Sonia Zahra kienu inapplikabbli ghall-kaz odjern, peress li l-intimat kien ser isofri pregudizzju irrimedjabbli fl-eventwalita` li t-talbiet ta' Maria Sonia Zahra jigu milqugha minn din il-Qorti, u l-intimat kien irrileva li t-talbiet fir-rikors promotur kellhom jigu michuda;

Ghaldaqstant in vista tal-premess, l-intimat talab lill-Qorti tichad it-talbiet ta' Maria Sonia Zahra bl-ispejjez kontra l-istess Maria Sonia Zahra.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**C. PROVI:**

Xehdet <u>Maria Sonia Zahra</u> li qalet li lil Nazzareno Cardona tafu bhala girien taghhom. Spjegat li r-ragel taghha kellu problema u lil Cardona kellu jaghtih Lm900. Hi kienet marret il-bank u ghamlet ***loan*** u mbaghad kellmet lil Cardona u qaltlu li r-ragel taghha kien tahomlu l-flus. Cardona kien qalilha li ahjar ma jaqilghux inkwiet. Ix-xhud marret tiggieled mar-ragel u staqsietu jekk kienx hallas lil Cardona u hu rrispondiha li kien jonqsu jhallas xi Lm500. Ziedet tghid li ghall-ahhar ta' Frar 2006 kien mar il-Marixxall u taha l-mandat, u hi kienet marret bih ghand l-

avukat. L-ammont li kien qed jitlob is-Sur Cardona kien ‘il fuq minn Lm10,000. Qalet li r-ragel taghha kien taha tliet cekkijiet ta’ Lm300 il-wiehed lil Nazzareno Cardona. Qalet li qatt ma ssellfet l-ammont li kien qed jitlob is-Sur Cardona. Rat id-dokument a fol 4 tal-process u qalet li qatt ma kienet ratu. Ir-ragel taghha qatt ma ha karti d-dar li juru li kien issellef minghand Cardona. Hi qatt ma kienet irceviet ittra ufficjali minghand Cardona u apparti l-mandat qatt ma kien mar xi Marixxall b’ittra ufficjali.

In kontro ezami qalet li lis-Sur Cardona ilha tafu minn tfulitha bhala girien, u qalet li ma’ Cardona hemm relazzjoni ta’ hbieb. Qalet li hames snin ilu r-ragel taghha kien issellef ammont ta’ flus minghand Cardona u kien hallashom lura. Dak iz-zmien missier ix-xhud kien qal lil Cardona biex lir-ragel tax-xhud ma jisilfux aktar flus. Rat id-dokument a fol 33 u kkonfermat il-firma taghha fuqu. Rat l-ittra ufficjali esebita fil-process u qalet li ma gharfithiex. Qalet li hames snin ilu meta kienu hadu l-***loan*** kellha kont kongunt mar-ragel taghha l-bank. F’Jannar 2006 hi u r-ragel taghha ghamlu separazzjoni tal-assi.

Xehed <u>Leslie Cardona</u> li semma li xi erba’ snin ilu r-ragel ta’ Sonia Zahra kien mar ghandu jibki u qallu li Sonia riedet titilqu ghax kellhom xi problemi u riedet Lm70 fil-gimgha paga. Ix-xhud kien offra li jmur ikellem lil missier Sonia. Fil-frattemp kienu waslu Sonia u Massimo u Massimo beda jwieghda li ser jibdel hajtu. Ix-xhud qal li dakinhar fl-ebda mument missier Sonia ma qallu biex lil Massimo ma jaghtihx flus. Ix-xhud lil Massimo kien qallu li jiflah jissoporti sakemm jithallas. Kien ukoll kelem lil Massimo u qallu biex ihallas. Dak kien fis-sena 2002. Fl-2002 l-ammont li Massimo Zahra kellu jaghti lix-xhud kien anqas minn dak mitlub illum. Bejn Ottubru u Novembru 2005 ix-xhud talab lil Massimo Zahra xi flus biex jibda jissetilja l-affarijiet. Dan kellu jaghtih Lm500. Semma l-episodju ta meta kien mar id-dar ta’ Zahra wara l-11.30 p.m. L-ghada Massimo Zahra kien mar ikellem lix-xhud. Cardona qal li kien hemm okkazjonijiet ohra qabel meta silef flus lil Massimo u Sonia Zahra. Esebixxa l-iskrittura datata 5 ta’ Lulju 1994.

In kontro ezami qal li l-ammont li qed jitlob huwa ta' Lm10,000 ghax kien ghadu kif thallas Lm900. Qal li l-iskritturi fol 4 u 5 tal-process ghamilhom ma' Massimo Zahra u l-firma ta' Sonia ma tidhirx. Qal li dak iz-zmien ma kienx insista li tiffirma Sonia Zahra ghax Massimo Zahra kien beda jsabbat u jheddu. Sostna li Massimo Zahra heddu li jarah wara jekk jghid lil Sonia dwar dan.

Xehed John Borg li semma li hu jigi minn Leslie Cardona li hu missier il-mara tieghu. Qal li xi sitt xhur ilu hu u Leslie Cardona kienu qed jahdmu fuq sit u kien hemm ukoll Massimo Zahra u Cardona lil Zahra kien qallu biex jaghtih il-flus rigward il-kirjiet tal-***garage*** ghax ma kien baqalu xejn. Zahra kien qallu li ser jaghtihomlu. Huma lil Zahra kienu cemplulu kemm-il darba ghax ma kienx mar lura bil-flus, u meta telqu mill-post fejn kienu qed jahdmu wara l-11.00 p.m. marru d-dar ta' Zahra u Cardona lil Sonia Zahra qalilha li Massimo Zahra ma kienx mar biex jaghtih il-flus. Sonia Zahra lil Cardona qaltlu li Massimo Zahra dak il-hin kien rieqed.

Xehed Joseph Zahra li semma li hu jigi z-ziju ta' Massimo Zahra. Kien jaf li Zahra kellu dejn ma' Leslie Cardona. Qal li t-tifla tieghu wkoll kelha tiehu xi flus minghand Massimo Zahra u hedditu li tghid lill-mara tieghu izda hu kien irridpondiha li setghet tghidilha ghax Sonia kienet taf b'kollox.

**D. KUNSIDERAZZJONIJIET:**

Illi r-rikorrenti qed tibbaza r-rikors taghha fl-ewwel lok a tenur tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 836 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Dan jipprovdi illi:

(1) Minghajr ebda pregudizzju ghal kull jedd iehor taht dan il-Kodici jew kull ligi ohra, l-intimat li jkun inhareg att kawtelatorju kontrih jista' jaghmel rikors lill-qorti li tkun harget l-att kawtelatorju, jew inkella, jekk tkun saret kawza, jista' jaghmel rikors lill-qorti li tkun qeghda tittratta dik il-kawza li fih jitlob li l-att kawtelatorju jigi revokat, sew ghal kollox jew f'parti minnu, ghal xi wahda minn dawn ir-ragunijiet li gejjin:

Issa, kif inghad minn din il-Qorti, kif diversament ippreseduta fil-kawza "**Camilleri vs Gove` et**", deciza fl-10 ta' Mejju, 2001, fuq rikors numru 286/01:
"li mid-disposizzjoni tal-istess **artikolu 836** jidher li l-unika ezami li trid taghmel din il-Qorti huwa dak biss ta' prima facie, u dan ghaliex il-mertu kollu jigi nvestigat fil-kawza proprja bejn il-partijiet, u ghalhekk hemm limitazzjoni sinifikanti fl-ezami li trid taghmel il-Qorti f'dan l-istadju, u dan tenut kont li hawn si tratta dejjem ta' procedura preliminari, li ghad qed tistenna l-ezitu finali tal-kawza proprja."

Illi l-iskop ta' mandat kawtelatorju huwa li persuna tikkawtela d-drittijiet gja ezistenti taghha u mhux li tiggarantixxi d-drittijiet potenzjali futuri taghha. Dan johrog car minn qari tas-sentenza moghtija mill-Onorabbli tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet **"Carmela Aquilina vs Francis X. Aquilina"** deciza fis-27 ta' Novembru, 1991 fejn inghad:
"id-dritt ta' kawtela - cjoe' id-dritt procedurali - li ma huwiex id-dritt sostanzjali li – jista' jigi kawtelat. Dawn (id-dritt procedurali u d-dritt sostanzjali) huma zewg drittijiet distinti u ma jistghux jigu ridotti u konfuzi fi dritt wiehed………Huwa ovvju li l-jedd imsemmi fil-mandat m' huwiex id-dritt li taghmel il-mandat imma huwa d-dritt li ghalih il-kreditur ghamel uzu mid-dritt li johrog il-mandat". Illi ghalhekk il-kwistjoni kollha hija li ma "tikkonfondix l-kuncett ta' kawtela ma' dik ta' garanzija ta' drittijiet".

L-argument ta' Maria Sonia Zahra hu li hi personalment qatt ma sselfet flus u li mhix debitrici f'dak l-ammont u li l-istess Cardona jammetti li hu qatt ma ghadda flus direttament lir-rikorrenti. Hi cahdet li kienet taf bid-dejn; cahdet li kienet taf bl-ittra tas-6 ta' Dicembru, 2005.

Ikkunsidrat

Illi l-fatt li Massimo u Maria Sonia Zahra waslu ghal ftehim ta' separazzjoni tal-beni ma jintitolax lilha tehles mill-obbligi versu terzi ta' drittijiet gja akkwiziti. Altriment kull familja li jkollha debita taghmel is-separazzjoni tal-beni u l-mara ma jkollha taghti xejn.

Illi Maria Sonia Zahra kienet ben konsapevoli tad-debitu dovut lil Nazzareno Cardona stante li giet debitament notifikata permezz ta' ittra gudizzjarja tal-21 ta' Novembru, 2005 liema att gudizzjarju interpella lil Massimo u Maria Sonia Zahra ghal hlas. Veru li hi sostniet li ma kinitx taf bin-notifika izda x'passi legali hadet f'dan ir-rigward?

Il-kuntratt tas-separazzjoni tal-beni jgib id-data tat-30 ta' Jannar, 2006.

F'dan ir-rigward hu importanti li wiehed jezamina l-artikolu 1326 sub-artikoli (1) (2) u (3)

"(1) Atti li jehtiegu l-kunsens taz-zewg partijiet mizzewga izda li jitwettqu minn parti wahda minghajr il-kunsens tal-parti l-ohra jistghu jkunu annullati fuq it-talba tal-parti l-ahhar imsemmija meta dawk l-atti jkunu dwar it-trasferiment jew il-holqien ta' jedd reali jew personali fuq proprjetà immobbli; u meta dawk l-atti jkunu dwar proprjetà mobbli dawn jistghu jkunu annullati biss meta l-jeddijiet fuqhom ikunu nghataw b'titolu gratuwitu.

(2) Kull azzjoni ghal annullament tista' tittiehed biss mill-parti li kien mehtieg il-kunsens taghha u fiz-zmien perentorju ta' tlett snin -
(*a*) mid-data minn meta dik il-parti saret taf bl-att, jew
(*b*) mid-data tar-registrazzjoni, meta dak l-att jehtieg registrazzjoni, jew
(c) mid-data li tintemm il-komunjoni ta' l-akkwisti, skond liema tkun l-ewwel data.

(3) Minkejja d-disposizzjonijiet tas-subartikolu (2), il-jedd moghti bis-subartikolu (1) lil parti li titlob annullament ta' att jispicca malli jaghlqu tliet xhur mill-jum li fih ikun notifikat l-att lil dik il-parti bil-mezz ta' att gudizzjarju, kemm-il darba dik il-parti ma tkunx bdiet azzjoni ghal dak l-annullament."

Dan iwassal ghall-obbligu ta' Maria Sonia Zahra li wara li rceviet l-ittra ufficjali kellha l-obbligu li tipprocedi skond is-sub-artikolu 3 tal-artikolu 1326, liema proceduri ma

ghamlithomx. Hi baqghet inadempjenti wara l-ittra gudizzjarja tal-21 ta’ Novembru, 2005.

**E. KONKLUZJONIJIET:**

Ghal dawn il-motivi tichad it-talba ghar-revoka tal-mandat ta’ inibizzjoni. Hu logiku li ghalhekk mhux applikabbli l-artikolu 836(8) (b).

Riferibbilment ghat-talba li fin-nuqqas li tilqa’ t-tieni u/jew it-tielet talba, tikkundanna lill-intimat sabiex a tenur tal-Arlikolu 838A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta jiddepozitaw fi zmien qasir u perentorju stabbilit minn din il-Qorti garanzija xierqa u opportuna biex taghmel tajjeb ghall-hlas ta’ penali li tista’ tigi imposta u ghad-danni u imghax, u fin-nuqqas, thassar l-effetti tal-Mandat ta’ Inibizzjoni 402/06, il-Qorti tilqa’ t-talba fis-sens li tordna lil Nazzareno Cardona biex fi zmien hmistax il-gurnata jaghmel garanzija ghas-somma ta’ tlett elef lira [LM3000].

Minhabba n-natura tal-kaz spejjez bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------